

Brussell, 22 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5626/26

FREMP 21
JAI 90
AG 11
POLGEN 17
DISINFO 6
HYBRID 9
AUDIO 9
EDUC 18
JEUN 12
CULT 6
COMPET 78
SOC 32
COHOM 22
ANTIDISCRIM 5

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 12 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI [Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030]

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 12 final.

Mehmuż: COM(2026) 12 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 20.1.2026
COM(2026) 12 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

[Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030]

INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea (UE) tirrappreżenta l-unità, id-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Id-diversità tal-popli li jgħixu fl-UE hija waħda mill-akbar punti b'saħħithom tagħha, kif rikonoxxut mit-trattati fundaturi. L-UE hija [Unjoni tal-Ugwaljanza](#) “bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi”¹. Dan il-pedament tal-ordni ġuridiku tal-UE jimplika **ambjent ħieles mir-rażziżmu, fejn kulħadd jista' jiffjorixxi u jikkontribwixxi għall-prosperità tas-soċjetajiet tiegħu**. Fi żminijiet meta dawn il-valuri jitqajmu dubji dwarhom, l-UE tappoġġa lill-popli tagħha, id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom, u fl-UE ma hemm l-ebda aċċettazzjoni ta' kwalunkwe forma ta' razziżmu jew ta' diskriminazzjoni abbażi tal-orijini razzjali jew etnika.

Fl-2020, il-Kummissjoni adottat il-[pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-rażziżmu 2020–2025](#), li jimmarka fażi ġdida u ambizzjuża fl-isforz tal-UE li tiġġieled b'mod komprensiv ir-rażziżmu. Il-pjan ta' azzjoni kien inizjattiva innovattiva li kkontribwiet għall-protezzjoni ta' kulħadd fl-UE kemm mir-rażziżmu kif ukoll mid-diskriminazzjoni razzjali. Huwa ppropona għadd ta' miżuri kontra r-rażziżmu li għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, inklużi inizjattivi leġislattivi biex isaħħu l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni razzjali² u appoġġ akbar għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) kontra r-rażziżmu, permezz tal-[Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri](#) (CERV).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kompliet tibni qafas b'saħħtu kontra r-rażziżmu billi saħħet is-sħubijiet ma' kontropartijiet, ħatret [l-ewwel Koordinatur tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra r-rażziżmu](#), u stabbiliet djalogi mal-OSC u mal-esperti tal-Istati Membri. Il-pjan ta' azzjoni wassal biex **14-il Stat Membru adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jew reġjonali awtonomi kontra r-rażziżmu**. Kif enfasizzat fir-[Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-rażziżmu](#), sar progress sinifikanti mill-adozzjoni tal-pjan 'l hawn, b'mod partikolari fl-indirizzar tar-rażziżmu strutturali, fl-adozzjoni ta' approċċ intersezzjonali fit-tfassil tal-politika li jintegra forom differenti ta' diskriminazzjoni, kif ukoll fl-introduzzjoni ta' kunsiderazzjonijiet kontra r-rażziżmu f'diversi oqsma ta' politika, pereżempju fil-politiki tal-edukazzjoni, tal-impjiegi u tas-saħħa.

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-rażziżmu 2020–2025 għen biex ir-rażziżmu jitqiegħed fil-qalba tad-dibattiti pubbliċi dwar il-pluraliżmu, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u rawwem sensibilizzazzjoni akbar dwar it-theddida li r-rażziżmu jgħall-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-[Trattat dwar l-Unjoni Ewropea \(TUE\)](#). Madankollu, fid-dawl tal-fatt li **fl-2023 kważi żewġ terzi tal-Ewropej għadhom jipperċepixxu d-diskriminazzjoni razzjali bħala mifruxa fil-pajjiż tal-UE tagħhom** (61 % abbażi tal-kulur tal-ġilda, żieda ta' 2 punti perċentwali mill-2019, u 65 % abbażi tal-fatt li persuna tkun Rom, żieda ta' 4 punti perċentwali)³ hemm bżonn li jsir aktar.

Filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tal-passat u tirrikonoxxi l-ħidma li għad trid issir, il-President Ursula von der Leyen ħabbret **Strateġija Kontra r-Razziżmu** [fil-linji gwida politiċi tagħha għall-perjodu 2024–2029](#). Din l-inizjattiva tirrifletti l-appell tal-Parlament Ewropew biex titkompla l-ħidma tal-pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra r-rażziżmu lil hinn mill-2025

¹ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU), l-Artikolu 2

² Ara: [Rapport ta' Implimentazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra r-rażziżmu](#) għal aktar dettalji

³ [Ewrobarometru](#) – Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea 2023

permezz tal-iżvilupp ta' strateġija sħiħa tal-UE⁴. **L-Istati Membri laqgħu b'mod pożittiv it-tħabbira ta' Strateġija Kontra r-Razziżmu** u ddikjaraw l-impenn qawwi tagħhom fil-ġlieda kontra r-raziżmu u l-forom kollha ta' mibegħda⁵.

Din l-istrateġija twieġeb, l-ewwel u qabel kollox, għall-imperattivi li **jinżammu l-valuri tal-UE, tissaħħaħ Unjoni ta' Ugwaljanza**, u jiġi żgurat li s-soċjetajiet tal-UE jibqgħu miftuħa, pluralistiċi u inklużivi. Barra minn hekk, **il-ġlieda kontra r-raziżmu hija interess ta' sigurtà⁶ u investment strateġiku biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE**. Skont [studju reċenti tal-OECD](#), id-diskriminazzjoni razzjali jew etnika hija stmata li tiswa lill-UE sa EUR 12,7 biljun f'telf ta' PDG kull sena.

L-isfruttar tal-potenzjal tal-persuni affettwati mir-raziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali bħala ħaddiema, intraprendituri, u mexxejja huwa għalhekk essenzjali għat-**tkabbir** u l-istabbiltà. Sabiex jinkisbu bis-sħiħ ekonomiji prosperi u soċjetajiet koeżivi, l-isfida persistenti tar-raziżmu trid tiġi kkonfrontata b'mod dirett. Il-vjaġġ lejn [Unjoni tal-Ugwaljanza](#) vera jitlob azzjoni ambizzjuża u sostnuta biex tiżgura drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Din l-istrateġija hija xprunata mill-oġettiv **tal-ġlieda kontra r-raziżmu fil-forom kollha tiegħu, inklużi r-raziżmu kontra n-nies suwed, l-antiżingariżmu, l-antisemitiżmu, ir-raziżmu kontra l-Asja u l-mibegħda anti-Musulmana**. Hija tindirizza r-raziżmu b'mod ġenerali, b'azzjonijiet speċifiċi li jiġġieldu d-diskriminazzjoni.

B'mod konsistenti mal-istrateġiji kollha tal-Unjoni tal-Ugwaljanza, l-Istrateġija Kontra r-Razziżmu hija bbażata fuq **approċċ ta' politika intersezzjonali biex tindirizzata l-kumplessità tal-inugwaljanzi li jesperjenzaw individwi li jiffaċċjaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni⁷**. Hija allinjata mill-qrib mal-istrateġiji attwali u ma' dawk futuri tal-UE dwar l-ugwaljanza, kif ukoll ma' inizzjattivi importanti oħra tal-Kummissjoni⁸.

Din l-istrateġija bbażata fuq ir-riżultati ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesa'⁹ u tinkludi kemm miżuri mmirati kif ukoll azzjonijiet biex il-ġlieda kontra r-raziżmu tiġi integrata b'mod trasversali fil-politiki kollha tal-UE. B'mod partikolari tappoġġa l-**ħidma tal-Koordinaturi tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra r-raziżmu, fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, fil-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana, kif ukoll il-ħidma tal-Kummissjoni fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni u fil-parteċipazzjoni tar-Rom, fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u fil-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda**. L-istrateġija tkompli tallinja mas-sejbiet tal-[Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ġlieda kontra l-Mibegħda fis-Soċjetà](#) li għamel rakkomandazzjonijiet immirati biex jiġġieldu kontra l-mibegħda fil-forom kollha tagħha u jrawmu r-rispett reċiproku.

⁴ [Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Novembru 2022: Il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-raziżmu fil-UE \(2022\)0389](#)

⁵ Ara pereżempju: [Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-raziżmu u l-antisemitiżmu, Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2025](#), skambji fil-[Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni \(Ġustizzja\) - Consilium](#) u [Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur](#)

⁶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 67(3): L-Unjoni għandha tagħmel hilita biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, ir-raziżmu u l-ksenofobija [...].

⁷ Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oġġini razzjali jew etnika tista' tinkroċja ma' diskriminazzjoni relatata ma' karatteristiċi jew ma' identitajiet oħra, bħas-sess, id-diżabbiltà, l-età, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-isfond jew l-istatus soċjoekonomiku u b'hekk taggrava l-iżvantaġġi. Il-mibegħda kontra l-migranti ta' spiss tinkroċja wkoll mar-raziżmu u ssaħħu.

⁸ Dan jinkludi l-[persuni Rom, il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-ugwaljanza tal-LGBTI, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, il-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana, il-ġlieda kontra l-mibegħda, l-integrazzjoni u inklużjoni, id-drittijiet tat-tfal](#) kif ukoll l-[akkomodazzjoni affordabbli, l-impjiegi ta' kwalità, il-ġlieda kontra l-faqar, u s-soċjetà ċivili](#).

⁹ [Semma' lehnec: Strateġija kontra r-raziżmu](#) Sejħa għal evidenza u Konsultazzjoni pubblika. Iż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh ġew ikkonsultati fil-qafas tal-proċess tal-**"verifika taż-żgħażaġh"** tal-Kummissjoni.

KAPITOLU I – L-INDIRIZZAR TAR-RAZZIŻMU STRUTTURALI

Il-fehim tar-razziżmu strutturali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv

Ir-razziżmu huwa ddefinit mill-[Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza \(ECRI\) tal-Kunsill tal-Ewropa](#) bħala “it-twemmin li raġuni bħal “razza”¹⁰, kulur, lingwa, reliġjon, nazzjonalità jew oriġini nazzjonali jew etnika tiġġustifika d-disprezz għal persuna jew grupp ta’ persuni, jew il-kunċett ta’ superjorità ta’ persuna jew grupp ta’ persuni”. Għall-persuni affettwati mir-razziżmu, l-effetti ta’ tali disprezz spiss jiġu esperjenzati meta jfittxu akkomodazzjoni, ifittxu impjieg, fuq il-post tax-xogħol u fl-aċċess għall-edukazzjoni¹¹. Dan jista’ jwassal għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika.

Ir-razziżmu esperjenzat matul il-ħajja jakkumula u joħloq ostakli. Din il-forma persistenti ta’ razziżmu spiss tissejjaħ “razziżmu strutturali”. L-impatt tiegħu jista’ jkun aktar ta’ ħsara minn każijiet iżolati ta’ diskriminazzjoni razzjali, peress li jiġi l-aċċess għal opportunitajiet indaqs u jista’ jippersisti minn ġenerazzjoni għal oħra¹². Studji mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) jiddeskrivu l-ostakli u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja ta’ persuni affettwati mir-razziżmu u mid-diskriminazzjoni razzjali¹³. Pereżempju, l-istennija tal-għomor tan-nisa u l-irġiel Rom/Traveller fl-UE hija, rispettivament, 7.4 u 8 snin iqsar minn daww tan-nisa u l-irġiel fil-popolazzjoni ġenerali. Barra minn hekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-persuni ta’ dixxendenza Afrikana fl-UE għandhom xogħol imħallas (71 %), kważi nofshom (46 %) huma kkwalifikati żżejjed għall-impjieg tagħhom. Barra minn hekk, l-unitajiet domestiċi Musulmani fl-UE huma tliet darbiet aktar probabbli li jiffaċċjaw privazzjoni materjali severa (19 %) meta mqabbla mal-unitajiet domestiċi fil-popolazzjoni ġenerali (6 %). Ir-razziżmu jista’ jkun fattur sinifikanti li jikkontribwixxi għal tali inugwaljanzi.

Dan qed jiġi indirizzat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-ħidma tagħhom fil-livell nazzjonali kontra r-razziżmu. F’dan il-kuntest, **il-Kummissjoni tipproponi li tiffaċilita l-iżvilupp, mill-Istati Membri, ta’ definizzjoni operattiva ta’ razziżmu strutturali fi ħdan il-grupp ta’ esperti** dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu¹⁴.

F’konformità mal-[istrategġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-Ħajja Lhudija](#), il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha huma impenjati li **jindirizzaw il-forom kollha ta’ antisemitiżmu** u jiddenunzjaw kull forma b’mud ugwali. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha jużaw id-definizzjoni ta’ antisemitiżmu adottata mill-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (IHRA)¹⁵.

F’konformità mal-[Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni](#) il-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha huma impenjati li jimplimentaw politiki effettivi biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-**ġlieda kontra l-**

¹⁰ Ir-referenza għall-“oriġini razzjali u etnika” ssir f’konformità mat-terminologġija legali tal-UE u dik internazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza l-fehim komuni li r-“razez” huma purament ibbażati fuq ideat mibnija soċjalment u tiġi l-kunċett ta’ “razez” bijoloġiċi.

¹¹ [FRA 2023: Being Black in the European Union](#)

¹² [OECD 2025: Monitoring and Assessing the Impact of National Action Plans Against Racism](#)

¹³ [FRA 2025: Rights of Roma and Travellers in 13 European Countries](#), [FRA 2023: Being Black in the European Union](#), [FRA 2024: Being Muslim in the European Union](#)

¹⁴ Magħmul minn esperti mill-Istati Membri u minn osservaturi, jiġifieri l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza tal-Kunsill tal-Ewropa, in-Norveġja. Dan il-grupp ta’ esperti huwa Sottogrupp taħt il-[Grupp ta’ Livell Għoli](#) dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta’ mibegħda u d-delitti ta’ mibegħda u l-[Grupp ta’ Livell Għoli](#) dwar in-nondiskriminazzjoni, l-[ugwaljanza u d-diversità](#).

¹⁵ Id-definizzjoni ta’ antisemitiżmu tal-IHRA tista’ tinstab fuq <https://holocaustremembrance.com/resources/working-definition-antisemitism>.

antiżingariżmu, u fit-titjib tal-inklużjoni soċjoekonomika u l-parteċipazzjoni tal-persuni Rom.

Biex **tindirizza l-mibegħda anti-Musulmana** fl-UE, il-Kummissjoni se twettaq studju komprensiv dwar il-mod kif din timmanifesta ruħha u se tipproponi azzjonijiet biex tindirizzaha, kif ukoll tiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri u tal-esperti biex jiżviluppaw definizzjoni operattiva ta' mibegħda anti-Musulmana bil-għan li jittejjeb il-fehim kondiviż u titqajjem kuxjenza.

Il-kommemorazzjoni, l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

Il-kommemorazzjoni għandha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra r-razziżmu strutturali, fl-għoti tas-setgħa lin-nies milquta mir-razziżmu, u fis-sensibilizzazzjoni dwar l-esklużjoni u l-istereotipi. **L-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġaw l-osservanza ta' jiem kommemorattivi** relatati mar-razziżmu u l-istorja ta' gruppi milquta mir-razziżmu u mid-diskriminazzjoni razzjali¹⁶. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa proġetti li jesploraw il-wirt tal-istorja globali tal-Ewropa, inkluża l-kolonizzazzjoni, u l-impatt tiegħu fuq is-soċjetajiet, pereżempju fil-qasam tal-programm CERV.

L-iskjavitù¹⁷, il-ġenoċidji u l-Olokawstu huma inkorporati fl-istorja Ewropea u għandhom konsegwenzi profondi għas-soċjetajiet illum, fejn l-edukazzjoni u l-għarfien storiku huma meħtieġa biex wieħed jifhem l-għeruq tar-razziżmu. Nibnu fuq ix-xogħol li jindirizza r-razziżmu u l-antisemitiżmu fl-edukazzjoni, imwettaq b'mod konġunt mal-UNESCO¹⁸, **il-Kummissjoni fl-2026 se tniedi proġett konġunt mal-UNESCO biex issaħħaħ l-edukazzjoni kontra r-razziżmu** allinjat mal-prijoritajiet tal-[Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni](#), u l-[Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ](#). L-għan tal-proġett se jkun li jippromwovi l-edukazzjoni kontra r-razziżmu fil-livell nazzjonali, permezz tad-dimensjoni edukattiva tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu.

Ir-rwol tal-media huwa kruċjali fit-tiswir tal-mod kif jiġu ppreżentati persuni li jistgħu jkunu affettwati mir-razziżmu. **Il-Kummissjoni se torganizza ċiklu ta' seminars iddedikati għall-ġlieda kontra r-razziżmu fil-media, inkluża l-media soċjali**, billi tlaqqa' flimkien ġurnalisti, OSC u rappreżentanti ta' komunitajiet affettwati mir-razziżmu. Il-Kummissjoni se tniedi wkoll **kampanja ta' komunikazzjoni fl-UE kollha dwar l-Unjoni tal-Ugwaljanza** biex tinvolvi lill-pubbliku, fil-promozzjoni tal-inklużjoni u fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Il-bini tal-għarfien u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza

Ir-riċerka akkademika għandha rwol kruċjali fil-ġlieda kontra r-razziżmu billi tipprovdi l-bażi ta' evidenza meħtieġa għal politiki effettivi kontra r-razziżmu. L-[Aġenda ta' Politika 2025-2027 taż-Żona Ewropea tar-Riċerka](#) għandha l-għan li tagħmel is-sistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni aktar inklużiva. Il-Kummissjoni se **tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' approċċ intersezzjonali fil-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni** biex tiżgura li r-riċerka tkun sensittiva għall-ħtiġijiet tal-persuni affettwati mir-razziżmu.

¹⁶Eżempju: il-[Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali](#), il-[Jum Ewropew li jfakkar l-Abolizzjoni tal-Kummerċ tal-Ilsiera](#), il-[Jum Internazzjonali ta' Tifkira tal-Olokawstu](#), u l-[Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Olokawst tar-Rom](#).

¹⁷ [Dikjarazzjoni tas-Summit UE-CELAC 2023](#)

¹⁸ [Addressing Antisemitism through education](#)

Barra minn hekk, l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej qed jaħdmu biex jiżviluppaw strateġiji u inizjattivi ħalli jrawmu d-diversità u l-inklużjoni¹⁹.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni se jwettaq studju dwar ir-rwol tal-media soċjali fit-tiswir tal-attitudnijiet taż-żgħażaġħ lejn id-diversità etnika u se jniedi eżerċizzju ta' prospettiva biex jifhem ix-xejriet futuri possibbli, inkluż kif ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali jistgħu jkomplu jħallu impatt fuq l-UE u fuq l-iżvilupp ta' kontromiżuri effettivi.

Programmi bħal [Orizzont Ewropa](#) se jkomplu jappoġġaw proġetti li jippromwovu l-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza u l-inklużjoni, u b'mod partikolari l-[Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie](#) tiegħu, li se jkomplu jħeġġu d-diversità u l-inklużjoni fi ħdan il-komunità tar-riċerka. B'mod parallel, **il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jintegraw l-edukazzjoni u r-riċerka kontra r-razziżmu fl-edukazzjoni għolja**, billi irawmu mentalitajiet inklużivi u jgħammru lill-professionisti futuri bil-ħiliet biex jirrikonoxxu u jindirizzaw ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-oqsma rispettivi tagħhom.

It-titjib tal-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza

Id-data affidabbli dwar l-ugwaljanza hija essenzjali biex tindirizza r-razziżmu u jiġu integrati b'mod effettiv il-kunsiderazzjonijiet kontra r-razziżmu fil-politiki tal-UE u f'dawk nazzjonali, reġjonali u lokali. It-Task force tal-Eurostat dwar l-istatistika tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni qed tiżviluppa linji gwida fil-livell tal-UE biex ittejjeb il-komparabbiltà tal-istandards statistiċi u l-metodi għall-ġbir tad-data dwar gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni. F'dan il-kuntest, **l-Istati Membri huma mħeġġa jsaħħu l-ġbir u l-koordinazzjoni ta' data armonizzata dwar l-ugwaljanza** permezz tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tagħhom.

Is-[sottogrupp dwar id-Data dwar l-Ugwaljanza](#) fi ħdan [il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni](#) jgħin lill-Istati Membri jtejb u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza²⁰. **Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-aġenziji tal-UE, bħall-FRA, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**, sabiex tipprowdi assistenza teknika fil-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, inkluż dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali.

Il-Kummissjoni se tħejji wkoll rakkomandazzjoni biex ittejjeb il-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' data diżaggregata dwar l-ugwaljanza, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali u filwaqt li jitqies kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa għodod biex issegwi u timmonitorja l-progress għall-kisba ta' Unjoni tal-Ugwaljanza u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji dwar l-ugwaljanza, inkluż permezz ta' data dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali u etnika. Il-Kummissjoni se torganizza Diskussjoni Madwar Mejda Ewropea ta' Livell Għoli dwar id-Data dwar l-Ugwaljanza, li tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin biex tkompli tippromwovi l-ġbir u l-użu tad-data dwar l-ugwaljanza, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali.

Il-FRA se twettaq ir-raba' [sħarriġ dwar l-immigranti u d-dixxendenti tal-immigranti](#) biex tislet data komprensiva dwar il-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni razzjali, kif ukoll sħarriġ dwar is-sitwazzjoni tar-Rom, b'appoġġ għall-ħidma fuq l-istrateġija u l-[Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom](#). Biex tagħti spinta lill-ġbir tad-data, il-Kummissjoni fl-2027 se tippubblika wkoll Ewrobarometru ġdid dwar id-diskriminazzjoni.

¹⁹ [Report on the Outcomes and transformational potential of the European University Initiative](#)

²⁰ Ara [Guidance Note on the collection and use of equality data based on racial or ethnic origin](#).

Il-Kummissjoni se:

- timplimenta proġett konġunt mal-UNESCO biex tissaħħa l-edukazzjoni kontra r-razziżmu;
- twettaq studju komprensiv tal-manifestazzjonijiet ta' mibegħda anti-Musulmana;
- tniedi kampanja ta' komunikazzjoni wiesgħa dwar l-Unjoni tal-Ugwaljanza, li tinvolvi lin-nies madwar l-UE biex tippromwovi l-inklużjoni u tiġġieled id-diskriminazzjoni;
- tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' approċċ intersezzjonali fil-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, bil-għan li r-riċerka tkun sensittiva għall-ħtiġijiet tal-persuni affettwati mir-razziżmu;
- tħejji rakkomandazzjoni biex ittejjeb il-għbir, l-analiżi u l-użu ta' data diżaggregata dwar l-ugwaljanza, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali;
- tippubblika Ewrobarometru ġdid dwar id-diskriminazzjoni fl-2027.

L-Istati Membri huma mhegħa:

- jappoġġaw l-integrazzjoni tal-edukazzjoni u r-riċerka kontra r-razziżmu fl-edukazzjoni għolja;
- itejbu l-għbir ta' data armonizzata dwar l-ugwaljanza permezz tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika.

KAPITOLU II — L-INFURZAR TAL-LEĠIŻLAZZJONI KONTRA D-DISKRIMINAZZJONI U T-TISĦIĦ TAL-PROTEZZJONI KONTRA L-MIBEGħDA RAZZJALI

- *Aktar minn nofs in-nies fl-UE jgħidu li d-diskriminazzjoni abbażi tal-fatt li persuna tkun Rom (65 %), tal-kulur tal-ġilda (61 %), u tal-orijini etnika (60 %)²¹ hija mifruxa.*
- *96 % tal-Lhud jgħidu li kienu ffaċċjaw antisemitiżmu fl-aħħar sena u 80 % jħossu li dan kien qed imur għall-agħar f'dawn l-aħħar snin²².*
- *Kważi nofs il-persuni ta' dixxendenza Afrikana fl-UE jiffaċċjaw raziżmu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum²³.*

Ir-razziżmu jista' jwassal għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika. Il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni razzjali jew etnika hija minquxa fil-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea](#) u fil-[liġi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni](#). “Diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika”, li sseħħ meta persuni, abbażi tal-orijini razzjali jew etnika tagħhom, jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli jew jitqiegħdu fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra, hija pprojbita mid-[Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali](#). Id-[Direttivi dwar l-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza](#) ġew adottati biex jinfurzaw aħjar dawk ir-regoli kontra d-diskriminazzjoni.

Fir-rigward tar-reati kriminali, att leġiżlattiv ewlieni huwa d-[Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressjonijiet ta' raziżmu u ksenofobija](#) permezz tal-liġi kriminali.

²¹ [Eurobarometer 2023: Discrimination in the European Union](#)

²² [FRA 2024: Jewish People's Experiences and Perceptions of Antisemitism](#)

²³ [FRA 2023: Being Black in the European Union](#)

Ċerti manifestazzjonijiet serji ta' razziżmu u ksenofobija²⁴ jridu jikkostitwixxu reat fil-pajjiżi kollha tal-UE u jkunu punibbli b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Kull persuna fl-UE għandha tkun tista' tgawdi d-drittijiet tagħha b'mod sħiħ u ugwali. Madankollu, iseħħu inċidenti ta' diskriminazzjoni razzjali kif ukoll ta' fastidju u vjolenza razzista u spiss dawn ma jiġux irrapportati²⁵. **L-infurzar tal-liġijiet rilevanti tal-UE u l-oqfsa legali nazzjonali jrid jissaħħaħ** biex dan jiġi evitat. Il-protezzjoni kontra l-mibegħda razzista trid tiġi żgurata wkoll, inkluż online, permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati mill-ġudikatura, il-pulizija u l-prosekuturi.

It-tisħiħ tal-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni

Waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni hija li tiżgura li l-qafas legali robust tal-UE kontra d-diskriminazzjoni jiġi applikat b'mod effettiv sabiex l-ugwaljanza tinkiseb fl-Istati Membri kollha.

L-evidenza turi li sanzjonijiet effettivi kontra d-diskriminazzjoni²⁶ huma mekkaniżmi kruċjali biex jindirizzaw l-ostakli għall-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, u l-provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni. F'dan ir-rigward, **ir-rapport tal-Kummissjoni fl-2026 dwar id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali se janalizza l-applikazzjoni tagħha fl-Istati Membri** u se jservi bħala bażi biex iqis kif għandhom **jissaħħu r-reġimi ta' sanzjonijiet nazzjonali tagħhom**.

Hekk kif l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) qed tinfluwenza dejjem aktar id-deċiżjonijiet u d-direzzjonijiet ta' politika, huwa kruċjali li jiġi sfruttat il-potenzjal tagħha kif ukoll li jittaffew ir-riskji li jiġi pperpetwat il-preġudizzju razzjali. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali se **janalizza l-applikazzjoni tal-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni algoritmika**.

L-[Att dwar l-IA](#) jipprojbixxi ċerti prattiki tal-IA partikolarment dannużi li huma inkompatibbli mal-valuri tal-UE (eż. sistemi tal-IA manipulattivi li jinċentivaw il-mibegħda jew il-vjolenza kontra gruppi protetti jew sistemi tal-IA li jiddeduċu l-orijini razzjali minn data bijometrika). Il-Kummissjoni se tipprovi linji gwida u għodod oħra ta' appoġġ biex timplimenta b'mod effettiv l-Att dwar l-IA, fir-rigward tal-projbizzjonijiet u r-rekwiżiti għas-sistemi tal-IA b'riskju għoli. Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-iskambji dwar l-impatt tal-IA fuq il-persuni f'riskju ta' diskriminazzjoni razzjali, u tappoġġa lill-Istati Membri fl-infurzar u fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE biex jipprevjenu u jirrimedjaw deċiżjonijiet potenzjalment diskriminatorji ffaċilitati mill-IA.

Id-[Direttivi dwar l-Istandards għall-Korpi tal-Ugwaljanza](#) jistabbilixxu standards ċari u vinkolanti biex jiggwarantixxu l-indipendenza u l-effettività tagħhom. Il-Kummissjoni se tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi indikaturi dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza u se timmonitorja t-traspożizzjoni effettiva taż-żewġ direttivi fil-leġislazzjoni nazzjonali sa Ġunju 2026.

Id-[Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika](#) tirrikonoxxi li l-vittmi ta' diskriminazzjoni intersezzjonali, inklużi n-nisa bi sfond razzjali jew etniku minoritarju, jistgħu jiffaċċjaw riskju oġġla ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Filwaqt li tappoġġa

²⁴ Pereżempju: inċitament pubbliku għal vjolenza jew mibegħda diretta kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit abbażi ta' razza, kulur, dixxendenza, reliġjon jew twemmin, jew l-orijini nazzjonali jew etnika.

²⁵ Rapporti tal-FRA: [Addressing Racism in Policing](#); [Being Muslim in the EU](#); [Jewish People's Experiences and Perceptions of Antisemitism](#)

²⁶ [Study on sanctions for discrimination on racial-ethnic-religious grounds](#)

lill-Istati Membri fil-proċess ta' traspożizzjoni, **il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni lill-isfidi li jiffaċċjaw il-vittmi li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni intersezzjonali minħabba l-isfond razzjali jew etniku tagħhom.**

Il-protezzjoni ta' persuni mir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda

Il-protezzjoni ta' persuni mir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda hija fil-qalba tal-aġenda tal-UE kontra r-razziżmu. Il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-[Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija](#)²⁷. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja t-traspożizzjoni u tappoġġa l-iskambju ta' prattiki tajba fil-[Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda](#). Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jtejbu l-ġbir tad-data dwar ir-reati ta' mibegħda, u jespandu t-taħriġ għall-awtoritajiet ġudizzjarji u l-pulizija dwar ir-reati ta' mibegħda, inkluż dwar il-preġudizzju razzjali.

Biex issaħħaħ il-qafas tal-liġi kriminali tal-UE kontra r-reati ta' mibegħda, il-Kummissjoni pproponiet [Deċiżjoni tal-Kunsill li żżid id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda mal-lista ta' "reati tal-UE"](#). Din id-deċiżjoni tippermetti lill-Kummissjoni, fi stadju sussegwenti, li ssaħħaħ il-qafas legali dwar l-indirizzar tad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda. Fid-dawl tan-nuqqas ta' progress, **il-Kummissjoni qed tikkunsidra inizjattiva leġislattiva bbażata fuq l-oqsma eżistenti ta' kriminalità koperti mill-[Artikolu 83\(1\) TFUE](#) sabiex tarmonizza d-definizzjonijiet ta' reati ta' mibegħda online.** Dan iwieġeb għal rakkomandazzjonijiet tal-[Panel taċ-Ċittadini dwar l-indirizzar tal-mibegħda fis-soċjetà](#).

Il-Kummissjoni qed tgħin ukoll biex ittejjeb ir-rispons għal inċidenti ta' reati ta' mibegħda u ta' diskors ta' mibegħda, billi tappoġġa lill-awtoritajiet fl-Istati Membri responsabbli mis-salvagwardja tal-ispazji pubbliċi, inklużi l-postijiet ta' qima, f'konformità mal-[istrateġija ta' sigurtà interna ProtectEU](#).

Il-vittmi ta' reati ta' mibegħda razzisti juru defiċits ta' fiduċja, li jirrikjedu miżuri ta' appoġġ u ta' għoti tas-setgħa sabiex jiġi indirizzat ir-rappurtar insuffiċjenti u sabiex jiġi żgurat rimedju legali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu **qbil politiku dwar il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi**²⁸. Din se tkompli ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi, inkluż għal dawk fil-mira ta' reati ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, b'rappurtar aktar faċli tar-reati, valutazzjoni aħjar tal-ħtiġijiet tal-vittmi, u appoġġ psikoloġiku u protezzjoni fiżika mtejba. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tadotta [Strateġija riveduta tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi](#).

Ir-riskju ta' mibegħda online huwa wkoll ta' spiss realtà għall-minoranzi razzjali jew etniċi. L-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) (DSA) jirrikjedi li s-servizzi diġitali jindirizzaw il-kontenut illegali u jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali permezz ta' mekkaniżmi robusti ta' "avviż u azzjoni", kif ukoll permezz ta' valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa u obbligi ta' mitigazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tinforza d-DSA u, flimkien mal-Bord għas-Servizzi Diġitali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, **timmonitorja u tappoġġa regolarment l-implimentazzjoni tal-[Kodiċi ta' Kondotta volontarju dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online+ illegali](#)**.

²⁷ [Każijiet ta' ksur fl-UE](#)

²⁸ [Id-drittijiet tal-vittmi fl-UE – Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim dwar regoli tal-UE aktar b'saħħithom li jiżguraw id-drittijiet tal-vittmi](#)

Bħala parti mill-[Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali](#), [il-Linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ](#) se jipprovdu **gwida Prattika dwar kif l-aħjar jitrawmu t-tolleranza u l-inklużjoni fid-dinja online**. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll trawwem ir-reżiljenza tas-soċjetà permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ għal-litteriżmu medjatiku u permezz ta' ħidma mal-firmatarji tal-[Kodiċi ta' Kondotta](#) dwar id-Diżinformazzjoni biex ittejjeb l-implimentazzjoni tiegħu u tnaqqas it-tixrid tad-diżinformazzjoni virali, inkluża dik relatata mar-razziżmu u l-mibegħda online.

B'mod parallel, il-Kummissjoni qed tindirizza d-diskors ta' mibegħda fl-isport, taħdem mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u tassisti lill-Istati Membri permezz tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni li għaddej bħalissa dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport skont il-[Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport](#).

Il-ġlieda kontra l-preġudizzju razzjali fl-amministrazzjoni pubblika

Amministrazzjoni pubblika effettiva hija l-pedament ta' governanza tajba, tal-fiduċja pubblika u tal-koeżjoni soċjali. Il-ġlieda kontra l-preġudizzju razzjali fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fis-sistemi ġudizzjarji hija essenzjali biex jiġi indirizzat ir-razziżmu. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-komunitajiet tappoġġa l-bini tal-fiduċja u ssawwar is-sens ta' responsabbiltà komuni²⁹. **Il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri jipprovdu programmi ta' taħriġ komprensivi biex jgħinu lill-impjegati taċ-ċivil jirrikonoxxu u jindirizzaw il-preġudizzju razzjali**, filwaqt li jrawmu sensibilizzazzjoni u sensitività kulturali akbar. Hija se tkompli ttipprovdi appoġġ għal dan l-għan lill-awtoritajiet nazzjonali, inkluż taħt il-programm CERV.

L-infurzar responsabbli tal-liġi li jiżgura protezzjoni ugwali u trattament ġust għal kulħadd huwa pilastru ewlieni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Madankollu, is-sejbiet tar-rapport tal-FRA "[Addressing Racism in Policing](#)" juru li r-razziżmu fil-pulizija jinkludi Prattiki diskriminatorji ta' tfassil ta' profili, komunikazzjoni razzista mhux xierqa u użu eċċessiv tal-forza³⁰. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati għal din l-istrateġija enfasizzaw il-ħtieġa ta' programmi ta' taħriġ komprensivi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll ta' trasparenza u responsabbiltà akbar fi ħdan l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi³¹. Biex ttipprovdi aktar gwida lill-Istati Membri, **il-Kummissjoni se tiġbor kompendju ta' Prattiki tajbin biex tipprevjeni Prattiki diskriminatorji ta' tfassil ta' profili**.

²⁹ Għal eżempju ara: [Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità: Pulizija orjentata lejn il-komunità fl-Unjoni Ewropea](#)

³⁰ FRA – [Addressing racism in policing](#)

³¹ [Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa](#): Strateġija kontra r-Razziżmu

II-Kummissjoni se:

- tappoġġa l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, inkluż billi tippubblika rapport b'enfasi fuq l-infurzar u l-applikazzjoni tagħha f'każijiet ta' diskriminazzjoni algoritmika;
- tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA bil-għan li jiġu indirizzati r-riskji ta' preġudizzji razzjali u ta' diskriminazzjoni;
- tikkunsidra inizjattiva leġiżlattiva biex tarmonizza d-definizzjonijiet ta' reati ta' mibegħda online;
- tappoġġa t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, filwaqt li ssaħħa id-drittijiet tal-vittmi, inklużi dawk fil-mira ta' reati ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu;
- tikkompila kompendju ta' prattiki tajbin biex jiġu evitati prattiki diskriminatorji ta' tfassil ta' profili.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- jinforzaw aħjar il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-reati ta' mibegħda u n-nondiskriminazzjoni, inkluż billi jsaħħu r-reġimi ta' sanzjonijiet;
- iżidu l-isforzi biex jiġġieldu kontra r-reati ta' mibegħda online, inklużi dawk motivati mir-razziżmu;
- jintroduċu programmi ta' taħriġ komprensivi biex jgħinu lill-impjegati taċ-ċivil jirrikonoxxu u jindirizzaw il-preġudizzju razzjali;
- jiżguraw prattiki tal-pulizija ġusti u bbażati fuq l-evidenza, appoġġati minn miżuri ta' responsabbiltà.

KAPITOLU III – IT-TISĦIĦ TAL-UGWALJANZA U L-KOEŻJONI SOĊJALI

- *Aktar minn 3 minn kull 10 Ewropej semmew il-kulur tal-ġilda ta' kandidat (39 %) jew l-oriġini etnika tiegħu (34 %) bħala fattur ewlieni li jqiegħed lill-applikanti għal impjieg fi żvantagġ³².*
- *Kull tieni tifel jew tifla Rom/Traveller (46 %) jiġi/tiġi edukat/a fi skola fejn l-istudenti kollha jew il-biċċa l-kbira minnhom ikunu Rom/Traveller³³.*
- *40 % tal-Musulmani fl-UE jgħixu f'akkomodazzjoni ffullata żżejjed, li hija aktar mid-doppju tar-rata għall-popolazzjoni ġenerali tal-UE (17 %)³⁴.*

Il-persuni affettwati mir-razziżmu jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni f'oqsma fundamentali tal-ħajja, inklużi l-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, u l-protezzjoni soċjali. Dan l-impatt kumulattiv tar-razziżmu għandu effett negattiv fuq l-aċċess għal opportunitajiet indaqs tul il-ħajja ta' persuna³⁵. Dan imur kontra l-valuri tal-UE kif minquxa fit-Trattati u fil-[Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#), li jippromwovi soċjetà inklużiva u ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva li tiżgura l-impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni soċjali għal kulħadd.

³² [Eurobarometer 2023: Discrimination in the European Union](#)

³³ [FRA 2025 - Rights of Roma and Travellers in 13 European Countries](#)

³⁴ [FRA – Being Muslim in the EU](#)

³⁵ [OECD 2025: Monitoring and Assessing the Impact of National Action Plans Against Racism](#)

L-edukazzjoni u l-kultura inklużivi bħala katalist għall-ugwaljanza soċjali u l-kompetittività

L-[Unjoni tal-Ħiliet](#) għandha l-għan li tappoġġa s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jipprovdu opportunitajiet indaqs għal kulħadd, irrispettivament mill-isfond tagħhom. L-investiment f'popolazzjoni u f'forza tax-xogħol b'edukazzjoni tajba huwa investiment fil-kompetittività tal-UE, fit-tkabbir ekonomiku u inklużiv, kif ukoll fil-koeżjoni soċjali u territorjali.

L-edukazzjoni għandha rwol ewlieni fit-trawwim tal-mobbiltà soċjali u tista' tkun ekwilibriju b'saħħtu fl-opportunitajiet. Il-pedament jibda bil-kisba ta' ħiliet bażiċi – il-litteriżmu, il-matematika, ix-xjenzi, il-ħiliet diġitali u l-edukazzjoni ċivika. L-introduzzjoni tal-edukazzjoni ċivika minn età bikrija hija kruċjali biex tissawwar mentalità miftuħa fost l-istudenti żgħażaġh biex japprezzaw id-diversità u jiżviluppaw ir-rispett reċiproku, f'konformità mal-valuri fundamentali Ewropej. L-arti, il-kultura u l-isport huma importanti wkoll għall-mobilizzazzjoni tas-soċjetà kontra r-razziżmu u għall-promozzjoni tar-rispett, l-inklużjoni u l-ugwaljanza.

Studenti li jappartjenu għal minoranzi razzjonali jew etniċi jistgħu jiltaqgħu ma' segregazzjoni u ma' ostakli fl-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, b'impatt negattiv fuq is-suċċess edukattiv u t-tranżizzjoni tagħhom lejn is-suq tax-xogħol³⁶. Huwa għalhekk li l-ekwità u l-inklużjoni jinsabu fil-qalba tal-[qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni](#), biex jiġu promossi ambjenti edukattivi inklużivi li jikkapitalizzaw fuq id-diversità biex jisfruttaw it-talent tal-Ewropa u jsaħħu s-swieq tax-xogħol. L-**aġenda tal-UE għall-għalliema u għall-ħarrieġa** se tindirizza t-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali tagħhom fil-qasam tad-diversità u l-inklużjoni, kif ukoll il-promozzjoni tad-diversità fil-professjoni tat-tagħlim innifisha.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa r-riformi tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva u tippromwovi l-ekwità u l-inklużjoni. Programmi bħall-[Erasmus+](#), il-[Fond Soċjali Ewropew Plu \(FSE+\)](#) u [Orizzont Ewropa](#) isaħħu dawn l-isforzi billi jippromwovu l-aċċess ugali għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, **jiffinanzjaw it-taħriġ tal-għalliema, il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, il-proġetti ta' mobbiltà fit-tagħlim, u r-riċerka ffokata fuq l-edukazzjoni inklużiva.**

Il-ġlieda kontra r-razziżmu permezz ta' politiki inklużivi dwar l-impjiegi, l-akkomodazzjoni u s-saħħa

Fil-qasam tal-impjiegi, ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali jfixxlu l-ugwaljanza. L-applikanti b'ismijiet meqjusa bħala barranin spiss jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess għas-suq tax-xogħol³⁷, li jirriżulta f'livelli aktar baxxi ta' sigurtà ekonomika. Il-[Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni](#) għandu l-għan li jappoġġa l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol tal-migranti u taċ-ċittadini tal-UE bi sfond ta' migrazzjoni, filwaqt li jħeġġeġ lill-Istati Membri jqajmu sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ u fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll isaħħu l-miżuri kontra d-diskriminazzjoni. Iż-żieda fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol hija wkoll lieva politika importanti biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet ta' ħiliet, biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tippromwovi d-diversità fl-impjiegi u li trawwem postijiet tax-xogħol aktar inklużivi, u **se tkompli taħdem mill-qrib mal-Pjattaforma tal-UE tal-**

³⁶ New issue paper: Tackling prejudice and discrimination in and through education and training | European Education Area

³⁷ Susanne Veit, et.al. In your face: a comparative field experiment on racial discrimination in Europe. Socio-Economic Review

Karti dwar id-Diversità sabiex tikkondividi prattiki tajbin dwar inizzjattivi ta' diversità u inklużjoni, inkluż dwar id-diversità etnika. **Il-pjattaforma se tiffaċilita wkoll id-djalogu u tipprovdi gwida, pereżempju, dwar prattiki ta' reklutaġġ inklużivi.**

L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u deċenti huwa kruċjali għall-benesseri individwali u familjari kif ukoll għall-koeżjoni soċjali. Il-persuni li jappartjenu għal minoranzi razzjali jew etniċi spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni u ostakli fis-suq tal-akkomodazzjoni, inklużi kundizzjonijiet mhux uguali għall-inkwilini jew għax-xerrejja, kif ukoll ostakli fl-aċċess għas-self. Huma jesperjenzaw b'mod sproporzjonat l-iffullar, il-kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u s-segregazzjoni³⁸. Dawn l-isfidi jistgħu jkunu aktar evidenti f'żoni rurali u remoti, b'għażliet ta' akkomodazzjoni limitati³⁹ u b'servizzi pubbliċi insuffiċjenti.

Biex tifhem aħjar kif id-diskriminazzjoni toħloq ostakli għal akkomodazzjoni affordabbli, **il-Kummissjoni se tippubblika studju dwar id-diskriminazzjoni fil-qasam tal-akkomodazzjoni**, inkluda analiżi tal-prattiki nazzjonali u lokali eżistenti. Bħala riżultat konkret tal-[Pjan Ewropew għall-Akkomodazzjoni Affordabbli](#) u fil-kuntest tal-Istrateġija Kontra l-Faqar li ġejja, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għal **rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni fl-akkomodazzjoni**, biex tappoġġa persuni vulnerabbli f'sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni prekarja u tipprevjeni u tindirizza l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

L-[Aġenda Urbana tal-UE](#), inizzjattiva intergovernattiva li tlaqqa' flimkien atturi mil-livelli kollha ta' governanza, u l-[Aġenda tal-UE għall-Bliet](#), għandhom l-għan li jippromwovu viċinati inklużivi u diversi, u jnaqqsu d-disparitajiet soċjali u territorjali. Barra minn hekk, il-finanzjament mill-[Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali](#) u l-FSE+ jista' jkollu rwol ċentrali fit-titjib tal-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u servizzi bażiċi għal gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni, kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri ta' desegregazzjoni.⁴⁰

Id-disparitajiet fil-kura tas-saħħa huma sfida ewlenija oħra fil-ġlieda kontra r-razziżmu. Il-persuni affettwati mir-razziżmu spiss jirrapportaw riżultati tas-saħħa agħar u nuqqas ta' aċċess għal kura ta' kwalità. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-dimensjoni tal-ġeneru, peress li n-nisa migranti għandhom riżultati agħar fir-rigward tad-dijabete, is-saħħa mentali, is-saħħa sesswali u riproduttiva, u jirrapportaw li jiffaċċjaw diskriminazzjoni akbar mill-professionisti tal-kura tas-saħħa mill-migranti rgħiel⁴¹.

Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni razzjali fis-saħħa⁴² u jsawru politiki tas-saħħa ekwi, billi jinvolvu lill-komunitajiet fit-tfassil konġunt tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Fl-2024 ġie ppreżentat [pakkett ta' appoġġ tal-UE biex jindirizza l-istigma](#), u taħt il-[programm l-UE għas-Saħħa](#) il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' politiki tas-saħħa li jindirizzaw il-preġudizzju razzjali, inkluż permezz tat-titjib tal-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, f'konformità ma' oqfsa legali nazzjonali.

L-integrazzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu fil-protezzjoni soċjali u r-rikonoxximent tal-azzjonijiet lokali

³⁸ [OECD 2025: Monitoring and Assessing the Impact of National Action Plans Against Racism](#)

³⁹ [Highlights Report | Good Practice Webinar: 'Rural Housing' | Il-Pjattaforma tal-Komunità tal-Patt Rurali](#)

⁴⁰ Toolkit "Social housing and beyond"

⁴¹ Gender equality and health in the EU: <https://www.saage-network.eu/sites/default/files/media/publication/DS0320880ENN-en.pdf>

⁴² [WHO: Tackling structural racism and ethnicity based discrimination in health](#)

Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jridu jipprovdu appoġġ effettiv lill-individwi kollha. Dan ugwalment importanti f'oqsma fejn persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju jistgħu jiffaċċjaw ostakli addizzjonali biex jaċċessaw l-oportunitajiet u s-servizzi soċjali minħabba d-distanza, in-nuqqas ta' infrastruttura jew inqas fornituri tas-servizzi⁴³.

Biex tippromwovi **approċċ inklużiv għall-protezzjoni soċjali, il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw is-sitwazzjoni tal-minoranzi razzjali jew etniċi** meta jfasslu u jimplimentaw politiki li jindirizzaw l-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, l-ewwel [Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar](#) se tfittex li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-faqar u tal-esklużjoni u ssaħħa is-servizzi ta' appoġġ, irrISPettivament mill-post ġeografiku.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri jimplimentaw ir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal](#), billi jqisu, fejn xieraq, l-iżvantaġġi speċifiċi li jesperjenzaw it-tfal bi sfond migratorju jew bi sfond etniku minoritarju, u jimplimentaw ir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Introjtu Minimu Adegwat](#).

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi inizzjattivi ta' diversità u inklużjoni, bħall-[Premju tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità](#), li jagħti viżibbiltà lill-prattiki tajbin tal-awtoritajiet lokali favur ambjenti diversi u inklużivi. Biex tkompli thegħeġ lill-bliet tal-UE jiġġieldu r-razziżmu, **il-Kummissjoni se tistabbilixxi kategorija biex tiddefendi l-politiki kontra r-razziżmu**. Din se tikkomplementa x-[Xahar tad-Diversità tal-UE](#), iċċelebrat kull Mejju biex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji ta' ambjenti u postijiet tax-xogħol inklużivi, filwaqt li t-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet jitħeġġu jieħdu azzjoni konkreta biex irawmu d-diversità.

Il-Kummissjoni se:

- tippreżenta Aġenda Ewropea għall-għalliema u għall-ħarrieġa, tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u proġetti ta' mobbiltà għat-tagħlim, kif ukoll riċerka ffokata fuq edukazzjoni inklużiva;
- tappoġġa l-miżuri tal-Istati Membri għal impjiegi, edukazzjoni, kultura u sport inklużivi;
- twettaq studju dwar is-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni ta' gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni u tressaq rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni;
- tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' politiki tas-saħħa li jeliminaw il-preġudizzju razzjali, inkluż permezz ta' ġbir imtejjeb ta' data dwar l-ugwaljanza fis-saħħa, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- iressqu inizzjattivi ta' politika li jtejbu l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll għall-oportunitajiet ta' impjieg għal persuni emarġinati;
- iqisu r-razziżmu bħala determinant ġenerali tal-istat ġenerali tas-saħħa ta' persuna u jsawru l-politiki tal-kura tas-saħħa kif xieraq;
- iqisu s-sitwazzjoni tal-minoranzi razzjali jew etniċi meta jfasslu u jimplimentaw politiki biex jindirizzaw l-esklużjoni soċjali.

KAPITOLU IV – IT-TRAWWIM TA' SHUBIJET EWLENIN

⁴³ [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea - Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE](#)

Il-kisba ta' UE verament inklużiva u ġusta teħtieġ approċċ li jinvolvi lis-soċjetà kollha u l-involviment attiv u l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha: l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-OSĊ, is-sħab internazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-settur privat, kif ukoll il-komunitajiet affettwati mir-razziżmu. Il-Kummissjoni se tikkonsolida l-kooperazzjoni tagħha mal-partijiet ikkonċernati u tiżgura li fil-proċess tat-tfassil tal-politika jiġu inklużi vuċijiet diversi.

Il-koordinazzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu fil-livell tal-UE

Il-[Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea għall-ġlieda kontra r-razziżmu](#) se jkompli jaqdi rwol ċentrali fil-ħidma dwar il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' razziżmu, filwaqt li jiffaċilita djalogi strutturati mal-komunitajiet milquta mir-razziżmu, u b'hekk isahha il-leġittimità demokratika u jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali. Il-koordinatur se jaħdem mill-qrib mal-Koordinatur tal-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana, il-Koordinatur tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u tas-sostenn tal-ħajja Lhudija, il-Koordinatur għad-drittijiet tal-vittmi, kif ukoll il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażagħ.

L-indirizzar effettiv tar-razziżmu jirrikjedi l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-OSĊ li jirrappreżentaw lil dawk l-aktar affettwati. Il-Kummissjoni se **ġġedded il-Forum tas-Soċjetà Ċivili Kontra r-Razziżmu** permezz ta' sejħa għall-espressjonijiet ta' interess u **tiżviluppa programm ta' ħidma annwali biex jiggwida l-attivitajiet tal-Forum**. Din se tkun opportunità biex tiġi diversifikata s-šhubija tal-Forum, filwaqt li jiġu inkorporati għarfien espert u perspettivi ġodda minn organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali.

Lil hinn mid-dialogu ta' politika li għaddej bħalissa mal-OSĊ dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandhom l-OSĊ u l-ħtieġa li jissaħħa l-ispazju ċiviku, kif enfasizzat fl-[Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili, f'kuntest fejn](#) l-OSĊ li jiġiieldu kontra r-razziżmu qed jiffaċċjaw dejjem aktar kampanji ta' **diżinformazzjoni u pressjoni regolari**. Kif imħabbar f'din l-istrateġija, **il-Kummissjoni se tistabbilixxi Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili usa', li se tipprovdi qafas regolari u strukturat għal djalogu dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-UE**. Dan se jsahha ir-reżiljenza tal-OSĊ, inklużi l-organizzazzjonijiet iddedikati għall-ġlieda kontra r-razziżmu.

Sabiex jiġi żgurat li l-politiki kollha tal-UE jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-Kummissjoni se tkompli tikkunsidra wkoll ir-razziżmu bħala parti mill-ħidma tagħha dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza. Dawn l-isforzi huma mmexxija mill-Kummissarju għall-Ugwaljanza u appoġġati minn punti ta' kuntatt għall-ugwaljanza fil-kabinetti u minn **Task Force għall-Ugwaljanza**, li tlaqqa' flimkien koordinaturi għall-ugwaljanza mid-Direttorati Ġenerali kollha.

Il-promozzjoni tal-ġlieda kontra r-razziżmu fil-livell globali

Il-politiki tal-UE kontra r-razziżmu huma inkorporati b'mod profund fil-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE se tkompli tappella għar-ratifika universali tal-[Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali \(ICERD\)](#), li tagħha l-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet, u se tappoġġa d-[Dikjarazzjoni u Programm ta' Azzjoni ta' Durban \(DDPA\)](#), il-qafas globali tan-NU għall-ġlieda kontra r-razziżmu. Dawn l-impenji huma msaħħa mill-[Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem \(QEDB\)](#) u mill-[Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza \(ECRI\) tal-Kunsill tal-Ewropa](#), li tipprovdi rakkomandazzjonijiet importanti ta' politika u rappurtar speċifiku għall-pajjiż. L-UE tkompli tassumi rwol ta' tmexxija globali billi tappoġġa

inizjattivi internazzjonali⁴⁴ bl-użu tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha taħt il-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni.

Huwa previst li tiġi stabbilita diskussjoni madwar mejda internazzjonali biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni ma' korpi rilevanti tan-NU, tal-Kunsill tal-Ewropa u ma' korpi multilaterali oħra. Dan għandu jinkludi diskussjonijiet regolari dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICERD u tal-ECRI kif ukoll kollaborazzjoni aktar mill-qrib mar-[Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' razziżmu](#).

L-UE se tkompli tuża l-għodod diplomatiċi u dawk tad-drittijiet tal-bniedem tagħha fil-livell bilaterali u multilaterali biex tippromwovi l-politiki tagħha kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni, inkluż mas-sħab strateġiċi fil-qafas tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-laqgħat ministerjali u s-summits. Permezz tal-[Patt għall-Mediterran](#), l-UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni edukattiva, kulturali u sportiva mal-pajjiżi sħab, filwaqt li trawwem fehim u inklużjoni reċiproċi. Fil-livell bilaterali, l-UE se tkompli timplimenta l-[Linji Gwida għan-Nondiskriminazzjoni fl-Azzjoni Esterna](#) u linji gwida oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Se ssir ukoll ħidma mill-qrib mar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u mad-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi biex titmexxa 'l quddiem il-ġlieda kontra r-razziżmu fuq livell globali.

L-UE tibqa' impenjata li tappoġġa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-OSC fuq livell globali, b'mod partikolari fil-[Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazzja](#), b'mod partikolari lil dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-minoranzi, u tal-gruppi emarġinati li jiffaċċjaw diskriminazzjoni razzjali jew etnika. Barra minn hekk, l-UE se tibqa' impenjata fl-analiżi u fil-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' Manipulazzjoni tal-Infurmazzjoni u Interferenza minn Barranin li jxerrdu messaġġi razzisti u ta' mibegħda.

Fil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tagħha, l-UE se tkompli timmonitorja sa liema punt il-minoranzi razzjali jew etniċi bħall-popolazzjonijiet ta' minoranzi nazzjonali u l-popli indiġeni, igawdu d-dritt u l-opportunità li jipparteċipaw fl-affarijiet pubbliċi u fl-elezzjonijiet fuq bażi uguali⁴⁵.

Fir-rigward tal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE, l-UE se tkompli tippromwovi l-allinjament progressiv tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali. Il-[pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni](#) se jkompli jimmonitorja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tan-nondiskriminazzjoni u tal-miżuri li jiġġieldu kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda.

Il-koordinatur għall-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana se jorganizza Grupp ta' Koordinazzjoni, li jlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-pajjiżi sħab u l-OSC⁴⁶ biex jiddiskutu kif l-aħjar tiġi indirizzata l-mibegħda anti-Musulmana.

L-indirizzar tar-razziżmu fil-livell nazzjonali

⁴⁴ bħall-UN International Decade for People of African Descent, il-UNESCO Global Alliance Against Racism and Discrimination

⁴⁵ Ir-rapporti tal-perjodu 2023–2025 tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali [Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UESEAE](#)

⁴⁶ [Stqarrija għall-istampa – Laqgħa ta' koordinazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana](#) | [Il-Kummissjoni Ewropea](#)

L-isforzi biex jiġi indirizzat ir-razziżmu jridu jiġu indirizzati l-ewwel u qabel kollox fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri permezz ta' **workshops ta' taġħlim reċiproku mfassla biex jikkoordinaw il-politiki nazzjonali ma' din l-istrateġija**. Il-Kummissjoni se taġġorna u ssaħħaħ il-mandat tal-grupp għall-implimentazzjoni nazzjonali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu⁴⁷, filwaqt li thegġegħ lill-Istati Membri kollha biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fih u tistieden lill-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE biex jingħaqdu. Permezz tal-grupp ta' esperti, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambji dwar prattiki tajbin u se tospita diskussjonijiet bejn l-esperti⁴⁸.

Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri kollha jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u se tappoġġahom fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' tali pjanijiet ta' azzjoni permezz tal-programm CERV. **Il-Kummissjoni thegġegħ ukoll l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni lokali kontra r-razziżmu fir-reġjuni, fil-bliet, fl-iskejjel u fiċ-ċentri komunitarji**.⁴⁹ Xi Stati Membri ħatru koordinaturi nazzjonali responsabbli għall-ġlieda kontra r-razziżmu, kif ukoll koordinaturi għall-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana u l-antisemitiżmu, biex ikomplu jsaħħu l-impenn u r-responsabbiltà nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-Istati Membri kollha jsegwu approċċ simili.

L-appoġġ ta' inizzjattivi kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni

Il-Kummissjoni hija impenjata li tappoġġa lill-OSĊ, l-attiviżmu fil-livell lokali u l-promozzjoni kontra r-razziżmu, speċjalment peress li l-finanzjament tagħhom qed jonqos dejjem aktar⁵⁰. Dan isir primarjament permezz tal-[programm CERV](#). L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma indirizzati wkoll fil-proposta tal-Kummissjoni għall-[Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034](#) li jmiss. Bħala parti mill-programm il-ġdid AgoraEU, il-Kummissjoni pproponiet baġit ta' EUR 3,6 biljun għall-fergħa Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV+), li aktar milli rdoppja l-baġit tal-programm CERV.

Il-Kummissjoni tivverifika li l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE jirrispettaw il-valuri tal-UE fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni twettaq kontrolli rigorużi qabel ma tagħti għotjiet. Dawn ir-regoli huma infurzati permezz tas-[Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni \(EDES\)](#). Il-Kummissjoni se tkompli tesplora l-aħjar mod kif tagħmel użu sħiħ mis-sett ta' għodod, inkluż meta tagħżel benefiċjarji potenzjali.

Fl-għoti tal-finanzjament tal-UE, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li l-Istati Membri jissodisfaw il-[Kundizzjonijiet Abilitanti Orizzontali](#) dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif irregolat mir-[Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni](#). L-Istati Membri jrid ikollhom mekkaniżmi effettivi fis-seħħ biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali minqax fil-Karta jiġu rrispettati fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni.

Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 li jmiss, il-Kummissjoni tippromponi li l-[Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali](#) jinkorporaw salvagwardji robusti biex jiżguraw il-konformità mal-Istat tad-Dritt u l-applikazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet

⁴⁷ Sottogrupp tal-Grupp ta' livell għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità, u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.

⁴⁸ Bħall-Prinċipji ta' gwida komuni għall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali

⁴⁹ [Common Guiding Principles for the Development of National Action Plans against Racism](#)

⁵⁰ [European Policy Centre 2025: Niżguraw l-ispażju ċiviku tal-Ewropa](#); [FRA 2024: Sommarju tas-sejbiet ewlenin mill-konsultazzjoni tal-FRA dwar l-ispażju ċiviku li tkopri l-2024](#); [Civil Society Europe 2025: Kontribut għar-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt 2025](#)

Fundamentali tal-UE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni se jkollhom jieħdu l-passi xierqa kollha biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet.

Il-Kummissjoni se:

- iġġedded il-Forum tas-Soċjetà Ċivili Kontra r-Razziżmu u tiżviluppa programm ta' ħidma annwali biex jiggwida l-attivitajiet tiegħu;
- torganizza workshops mal-Istati Membri biex tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġi indirizzat ir-razziżmu fil-livell nazzjonali/reġjonali;
- taġġorna u ssaħħaħ il-mandat għall-grupp ta' esperti għall-implimentazzjoni nazzjonali tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu, u tistieden lill-pajjiżi kandidati tal-UE biex jingħaqdu miegħu;
- tħejji l-istabbiliment ta' diskussjoni madwar mejda internazzjonali biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni ma' korpi rilevanti tan-NU, tal-Kunsill tal-Ewropa u ma' korpi multilaterali oħra;
- tipprovdi appoġġ permezz ta' strumenti ta' nfiq rilevanti tal-UE biex tappoġġa proġetti u organizzazzjonijiet li jiġġieldu r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra r-razziżmu u jaħtru koordinaturi nazzjonali kontra r-razziżmu;
- jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni lokali kontra r-razziżmu fir-reġjuni, fil-bliet, fl-iskejjel u fiċ-ċentri komunitarji.

KAPITOLU V – IT-TMEXXIJA BL-EŻEMPJU

Il-promozzjoni tad-diversità u l-inklużjoni hija essenzjali biex jiġi żgurat post tax-xogħol ekwu u effettiv, kif ukoll biex jiġi attirat it-talent. Meta l-membri tal-persunal iħossuom irrappreżentati fil-livelli kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, dan isahha is-sens ta' appartenenza u fiduċja tagħhom. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li żżomm politika ta' tolleranza żero fir-rigward tal-forom kollha ta' mġiba diskriminatorja.

Il-promozzjoni tad-diversità fir-reklutaġġ fil-Kummissjoni Ewropea

Id-diversità etnika, kulturali u lingwistika tal-Ewropa għandha tkun riflessa fl-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-[istrategġija tagħha dwar ir-Riżorsi Umani \(HR\)](#), il-Kummissjoni impenjat ruħha li “tmexxi bl-eżempju fl-inklużività u d-diversità”⁵¹ biex tirrifletti aħjar id-diversità tas-soċjetà Ewropea. Abbażi tar-riżultati tal-[istħarriġ dwar id-diversità, l-inklużjoni u r-rispett fuq il-post tax-xogħol](#), il-[Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diversità u l-Inklużjoni fuq il-post tax-xogħol \(2023–2024\)](#) ipprova l-qafas biex jitwettqu l-impenji tal-istrategġija, b'azzjonijiet immirati għal approċċ ta' tolleranza żero għal kwalunkwe tip jew forma ta' diskriminazzjoni, inkluż abbażi tal-orġini razzjali jew etnika. Fl-2025, l-istħarriġ ġie ripetut u s-sejbiet tiegħu se jappoġġaw **Pjan ta' Azzjoni aġġornat biex tiżdied id-diversità permezz ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u linji gwida riveduti dwar ir-reklutaġġ.**

L-istrategġija ta' reklutaġġ immirati għandhom l-għan li jżidu l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-karrieri tal-UE għal gruppi sottorappreżentati. L-[Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal \(EPSO\)](#) implimenta **strategġija ta' sensibilizzazzjoni mmirati sabiex jattira kandidati mill-isfondi etniċi kollha, pereżempju permezz ta' fieri dwar id-diversità jew sħubijiet mas-soċjetà ċivili u ma' organizzazzjonijiet komunitarji.** Id-data dwar id-diversità nġabret permezz ta' sħarriġ anonimu u volontarju fost kandidati preċedenti tal-kompetizzjonijiet tal-EPSO bil-għan li tiġi identifikata u indirizzata kwalunkwe kwistjoni li tnaqqas id-diversità tal-grupp ta' kandidati.

Fir-rigward tal-**Programm tal-Blue Book Traineeships**, il-Kummissjoni applikat strategġija speċifika dwar id-diversità u l-inklużjoni, permezz ta' materjal promozzjonali mmirat biex iżżid id-diversità tal-kandidati (pereżempju fuq il-media soċjali). Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tirrevedi d-Deċiżjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-iskema ta' traineeships, u qed tikkunsidra li tiftaħ it-traineeship għal kandidati li lestew l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u li timplimenta xi azzjonijiet pożittivi għal gruppi sottorappreżentati.

Biex tappoġġa t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, anke fir-rigward tar-riżorsi umani tagħha stess, **il-Kummissjoni se tkompli tiġbor data dwar l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol** fuq bażi volontarja, anonimizzata u konformi mad-drittijiet.

It-tiġib tal-bini tal-kapaċità

Il-Kummissjoni tkompli tipprovdi u tħeġġeġ programmi ta' taħriġ, mentoraġġ u coaching għall-persunal kollu tagħha, inklużi l-maniġers. It-taħriġ dwar il-preġudizzju inkonxju u l-imġiba etika huwa kkomplementat b'moduli dwar il-preġudizzju razzjali u l-mikroaggressjoni. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jtejbu s-sensibilizzazzjoni, inaqqsu l-imġiba diskriminatorja u jsaħħu l-kapaċità tal-Kummissjoni li tindirizza r-razziżmu.

Bħala parti minn dawn l-isforzi, il-Kummissjoni aġġornat il-qafas tagħha [kontra l-fastidju](#) sabiex tindirizza aħjar il-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, applikabbli

⁵¹ [Diversità u inklużjoni – Kummissjoni Ewropea](#).

għal fastidju relatat mar-razziżmu jew kwalunkwe mġiba oħra mhux xierqa. **Is-servizzi ta' appoġġ, inklużi s-Servizzi ta' Medjazzjoni u Konsulenza, il-Kap Konsulent Kunfidenzjali u network ta' konsulenti kunfidenzjali jipprovdu gwida u assistenza lill-persunal affettwat mid-diskriminazzjoni.** Sabiex tiġi infurzata l-effettività tal-qafas kontra l-fastidju, l-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u tad-Dixxiplina jittratta wkoll każijiet ta' diskriminazzjoni razzjali jew fastidju.

Il-Kummissjoni se:

- taġġorna l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diversità u l-Inklużjoni fuq il-post tax-xogħol fl-2026;
- toffri u thegħeġ taħriġ immirat dwar l-ugwaljanza, kif ukoll mentoraġġ u coaching, lill-persunal kollu tagħha;
- tiżgura ambjent tax-xogħol ħieles mid-diskriminazzjoni u timplimenta b'mod rigoruż l-istrateġija tagħha ta' tolleranza żero fir-rigward tal-fastidju;
- tkompli timplimenta strateġiji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex tattira kandidati mill-isfondi etniċi kollha;
- tiġbor data dwar l-ugwaljanza, inkluż permezz ta' s'tħarriġ, biex timmonitorja d-diversità tal-persunal u l-esperjenzi tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- jimplimentaw politiki ta' tolleranza żero fir-rigward tal-fastidju fis-settur pubbliku;
- joffru b'mod sistematiku kors ta' taħriġ kontra l-preġudizzju u dwar id-diversità lill-impjegati pubbliċi kollha.

KONKLUŻJONI

Din l-Istrateġija hija pass deċiżiv lejn Unjoni tal-Ugwaljanza ġenwina fejn kulħadd jista' jgħix, imexxi, u jirnexxi mingħajr ma jkun espost għar-razziżmu, kemm jekk ikun ir-razziżmu kontra n-nies suwed, l-antiżingariżmu, l-antisemitizzmu, ir-razziżmu kontra l-Asja jew il-mibegħda kontra l-Musulmani. L-istrateġija tipprovdi qafas komprensiv biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' razziżmu, ir-razziżmu interpersonali u strutturali, id-diskriminazzjoni razzjali, ir-reati ta' mibegħda u l-vjolenza, u tressaq miżuri konkreti li għandhom jiġu implimentati fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali.

Bit-tressiq ta' din l-Istrateġija Kontra r-Razziżmu, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tiġġieled ir-razziżmu b'mod olistiku, billi tintegra l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-politiki kollha tal-UE u billi tinvolvi ruħha regolarment mal-partijiet ikkonċernati. Il-kisba tal-progress teħtieġ sforz kollettiv f'kull livell. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-korpi tal-ugwaljanza, is-settur privat, u s-soċjetà ċivili għandhom jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jieħdu azzjoni konkreta.

Ir-razziżmu jmur kontra l-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-UE, u huwa ta' detriment għall-koeżjoni soċjoekonomika tagħha. Billi tiżgura li l-individwi kollha, irrispettivament mill-isfond tagħhom, ikollhom aċċess ugwali għal opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni, fl-impjieg u fil-parteċipazzjoni soċjali, l-UE timmassimizza l-potenzjal ta' kulħadd. Ambjenti diversi u inklużivi jrawmu l-innovazzjoni, il-kreattività, u s-soluzzjoni tal-problemi, li huma kruċjali għat-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-ġlieda kontra r-razziżmu jgħinu biex jiġu attirati l-investimenti u t-talent,

filwaqt li jsaħħu l-kapaċità tal-UE li tikkompeti f'suq globali dejjem aktar interkonness u divers.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Komitat Ewropew tar-Reġjuni u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex ilaqqu flimkien lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lis-sħab soċjali u lis-soċjetà ċivili biex jiddiskutu kif tista' titmexxa 'l quddiem il-għieda kontra r-razziżmu.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ppreżentati f'din l-Istrateġija u tirrapporta f'nofs it-terminu.